MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1741/2000/1

Joseph Rapa

Vs

Raymond Sammut

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-23 ta' Awissu 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa jahdem bhala *Inspector* ma'l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku; illi fit-23 ta'Lulju 1999, waqt illi l-konvenut kien qieghed jsuq xarabank bin-numru tar-registrazzjoni EBY-410 fi Triq il-Pijunieri, Bugibba, l-attur ordnalu jieqaf sabiex ikun jista' jirkeb u b'hekk jaqdi d-dmirijiet tieghu; illi waqt li l-attur kien qieghed jirkeb l-imsemmi xarabank il-konvenut qabad u saq il-vettura, b'rizultat li l-attur waqa' minn fuq ix-xarabank u siequ sfat mghaffga minn rota tax-xarabank; illi kawza tal-incident imsemmi l-attur sofra danni, inkluzi korriment, debilita' u inkapacita'permanenti, kif ukoll telf ta' qmiegh; illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija,

b’negligenza, traskuragini u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut; illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kawzati minnu, izda baqa’ inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li ghall-incident li sehh fl-24 ta’Lulju 1999, fejn waqtilli l-konvenut kien qieghed jsuq xarabank bin-numru ta’ registrazzjoni EBY-410 fi Triq il-Pijunieri, Bugibba, investa u korra lill-attur u f’liema incident l-istess attur sofra danni, huwa responsabbli biss il-konvenut;
2. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’periti nominandi, d-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident;
3. tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

B’riserva ta’kull azzjoni fil-ligi u bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta’l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-20 ta’Ottubru 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tal-eccipjent minhabba negligenza, traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, izda tort ta’l-istess attur hekk kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. illi inoltre id-danni pretizi mill-attur ma humiex dovuti stante li huwa ma sofriex debilita’ u inkapacita’permanenti;
3. illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju id-danni pretizi mill-attur huma ezagerati.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tal-14 ta’ Novembru 2000 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-27 ta’Novembru 2000.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’Novembru 2000 meta inhatar Mr Carmel Sciberras bhala espert mediku u r-rapport ta’l-istess mahluf fl-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2001.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tal-21 ta'Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dana kaz ta' korriment li sehh fl-24 ta'Lulju 1999 gewwa Pioneer Road, Bugibba. Ghal habta tad-9.00 a.m. il-konvenut kien qed isuq ic-char-a-banc numru Y-0410 (illum igieb in-numru EBY-410) fl-imsemmija triq sejjer fid-direzzjoni ta' Bugibba sabiex jmur il-venda halli jibda x-xoghol. Passiggieri ma kellux billi ma kienx ghadu beda jahdem. Fuq stage partikolari fl-imsemmija triq il-konvenut ra lill-attur, li jahdem bhala Inspector mal-Public Transport Association u dana ghamillu sinjal biex jieqaflu halli jitla fuq il-bus biex imur mieghu lejn il-venda.

Minn dak il-mument il-quddiem hemm zewg verzjonijiet differenti ta' x'gara. L-attur jghid li l-char-a-banc waqfet fuq il-bus stop u hekk kif gie biex jitla u pogga siequ tal-lemin fuq l-istaffa, il-bus reget bdiet mixja f'salt, hu zelaq waqa mal-art u r-rota ta' quddiem tal-bus ghaddiet minn fuq il-pala ta' siequ l-leminija u korra u ittiehet l-ghassa u wara l-isptar. Il-konvenut jsostni li meta kien mixi vicin tal-istage l-attur ghamillu sinjal biex jieqaf, huwa beda jnaqqas u ra lill-attur jigri minn wara biex jirkeb u ittanta jitla fuq il-bus qabel ma din waqfet u ghalhekk waqa. Il-konvenut jghid ukoll li ma jistax jkun li l-bus ghaddiet minn fuq saqajn l-attur billi din hija tqila tmien tunnellati. L-implikazzjoni li qed jghamel l-attur hawn hi li kieku r-rota ghaddiet minn fuq saqajn l-attur kien jkun hemm hafna aktar hsara f'siequ. Dwar dan izda ma hemmx prova ohra hlief dak li jghid l-attur u r-rizultanzi medici.

Fil-fehma ta' din il-Qorti iz-zewg verzjonijiet jitfghu responsabbilita' fuq il-konvenut. Dan ghaliex jekk l-attur kien fuq l-istage l-konvenut kien obbligat li jieqaf fuq l-istage u mhux kif jidher mill-istess xhieda tieghu, jibqa'

mixi aktar il-quddiem b'mod li gjal lill-attur jigri minn fuq l-istage biex jipprova jitla fuq il-bus. Inoltre dan it-tip ta'char-a-banc ghandu l-bieba li hi kkontrollata mix-xufir. Ghalhekk biex ittanta jitla l-attur il-konvenut jew kien qed isuq bil-bieba miftuha jew fetaha qabel ma waqaf kompletament. Dan huwa nuqqas serju ta' persuna li ghandu kontrol ta' vettura tant kbira li hija perikoluza fiha nfisha. Naturalment jekk l-affarijiet graw kif qed jghid l-attur l-konvenut certament ghandu tort billi la darba waqaf hu qatt ma kien messu beda jimxi qabel ma l-passiggier jitla kollu fuq il-bus.

**Likwidazzjoni danni.**

L-attur kellu tlettin sena meta gara l-incident u bhala rizultat sofra griehi li hallewlu dizabilita' permanenti, skond l-espert mediku mahtur mill-Qorti, ta' tnejn fil-mija (2%). L-introitu ta' l-attur mill-impieg tieghu, inkluz hlas ghall-overtime, jammonta ghas-somma ta' LM4432 fis-sena kif jidher mill-FS3 form ghas-sena 2000 ezebita minn Andrew Spiteri li jiehu hsieb il-pagi tal-membri tal-Public Transport Association. Fis-sena precedenti ghal din u cioe s-sena tal-incident jidher li l-attur dahhal anqas introitu u dana billi ghalkemm huwa irceva l-paga kollha ma ghamilx l-overtime li jsir regolarment.

A bazi ta' l-elementi fuq imsemmija u fuq multiplier ta' sbghatax il-sena li huwa wiehed appropriat ghall-persuna ta' tlettin sena, d-danni dovuti lill-attur jammontaw ghas-somma ta' elf tlett mija u tletin lira maltin (LM1330.00) u billi s-somma qeghdha tigi likwidata bhala'lump sum' u tigi mhallsa f'salt, terga titnaqqas 20% u konsegwentement l-ammont dovut lill-attur huwa ta' elf erbgha u sittin lira maltin (LM1064).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni rizultanti, tillikwida d-danni fis-somma ta' LM1064.00 u tikkundanna lill-konvenut jhallas dan l-ammont lill-attur.
Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J.Magri